MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta ta' l-1 ta' Settembru, 2009

Numru 855/2009

**PULIZIJA**
**SPETTUR ANTHONY PORTELLI**
**VS**
**GIANLUCA TORRES**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Gianluca Torres ta' 36 sena, iben Vincenzo u Giuseppin' nee' Mirabella, imwieled Sqallija, nhar il-10 ta' Frar, 1973, residenti 'Marisa Flats', flat no.6, Triq it-Turisti, Bugibba u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 18571A.

Illi huwa akkuzat talli gewwa San Giljan nhar l-10 ta' Awissu 2009 ghall-habta tas-2:22 ta' filghodu, ikkommetta serq ta' flus kontanti minn gewwa kamra no.512 tal-lukanda Burlington Appartment, li tinstab fi Triq id-Dragunara San Giljan, liema serq huwa kkwalifikat bil-lok, bil-mezz, bil-hin u valur li jeccedi 232.94 euro izda li ma

jeccedix 2392.37 euro, u dan sar ghad-dannu ta' Incoronata Montemarano u/jew persuni ohra;

U talli kiser il-provediment ta' l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza mghotija lilu fl-14 ta' Dicembru 2007 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Laurence Quintano LL.D., liema sentenza saret definitiva u ma tistax tigi mibdula.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali u dak ta' l-imputat sabiex il-kaz jigi tratta bi procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat;

Semghet il-konferma tat-tali ammissjoni wara li l-Qorti nghatat lill-imputat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat, Gianluca Torres, hati skond l-akkuza u wara li rat l-Artikoli 261, 263, 264, 270, 267, 278, 279, 280, 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 22 u 23 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat ghal piena ta' prigunerija ta' erbatax-il xahar.

Il-Qorti tirrakomanda li l-imputat jaghmel programm ta' rijabilitazzjoni kontra d-droga fi hdan il-Facilita' Korrettiva ta' Kordin u ghal dan il-ghan tordna komunika ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin.

Din il-piena ta' prigunerija qed tinghata in vista tal-fedina penali rafrettarja ta' l-imputat, liema imputat inghata xejn anqas minn hames opportunitajiet minn dawn il-Qrati sabiex jirriforma ruhu (u cioe erbgha sentenzi taht il-Probation Act Kap.446 u sentenza sospiza) u dawn l-opportunitajiet gew skartati mill-imputat.

Illi l-imputat ghamel zmien konsiderevoli dipendenti fuq id-droga u kien biss recentement li kien issokta f'programm ta' rijabilitazzjoni kontra d-droga (ara xhieda ta' Victoria Scicluna). Din hija r-raguni principali il-ghaliex il-Qorti tara illi jkun xieraq illi l-imputat jissoda fit-triq tar-rijabilitazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------